C/2026/232

12.1.2026

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni koperti mill-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kunsill (PESK) 2024/254, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/88, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/287, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/87 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala

(C/2026/232)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/254 ([1]) u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/287 ([2]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni għandhom jibqgħu inklużi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/88 ([3]) u fir-Regolament (UE) 2024/287 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/87 ([4]) dwar il-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala. Ir-raġunijiet għad-dežinjazzjoni tal-persuni kkonċernati jidhru fl-entrati rilevanti fl-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat (i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/287, sabiex jiksbu awtorizzazzjoni biex jużaw il-fondi friżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill **qabel it-2 ta' Settembru 2026**, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, biex terġa' titqies id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Barra minn hekk, qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u fl-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L, 2024/254, 15.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/254/oj.
([2]) ĠU L, 2024/287, 15.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/287/oj.
([3]) ĠU L, 2026/88, 12.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/88/oj.
([4]) ĠU L, 2026/87, 12.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/87/oj.